MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 33/2006

Kawza fil-lista: 53

**A B**
**vs**
**CB, u b' digriet tat-28 ta' Gunju 2006 il-kunjom 'B' gie sostitwit bil-kunjom 'D'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta' Gunju 2002.

2. Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min

minnhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

3. Illi l-kontendenti illi sseparaw ukoll bonarjament minn xulxin.

4. Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa vvizzjat ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghandha ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi z-zwieg bejn il-kontendenti;

2. Tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha rrispondiet li:

1. Illi l-partijiet izzewgu f’ Malta fis-7 ta’ Gunju 2002 u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

2. Filwaqt li hi taqbel mal-ewwel talba attrici in kwantu qed jintalab li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti jigi dikjarat null, dan m’ ghandux ikun imputabbli ghaliha kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

3. Illi fil-fatt l-attur wera li ma kienx kapaci jassumi r-responsabbilitajiet tal-hajja mizzewga u ried jghix hajja ta’ guvni wara z-zwieg u ta’ spiss kien ihalli lill-esponenti wahdiha filwaqt illi kien johrog ma’ hbiebu u anke jaghmel iljieli barra.

4. Illi hesrem qallha li jrid is-separazzjoni minghajr ma ta ebda raguni jew ipprova jirrikoncilja maghha.

5. Illi jirrizulta li ma riedx jizzewwigha u lanqas ried li jkollu tfal minnha u ghalhekk anke ssimula l-kunsens tieghu.

6. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tal-5 ta' Mejju 2005.

7. Ghalhekk fic-cirkostanzi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null a tenur tal-artikolu 19 (1)(d) u (f) tal-Att taz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Illi l-esponenti m' ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet u n-noti ta' l-osservazzjonijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-7 ta' Gunju 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafju [d], u tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel mat-talba attrici in kwantu ghan-nullita' taz-zwieg, tattribwixxi l-htija lill-attur li, issostni allura, li ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Gunju 2002 wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal xi zmien; u wara konvivenza matrimonjali ta' circa sentejn [2] huma sseparaw de facto, fil-5 ta' Mejju 2005 ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Illi l-versjoni ta' l-attur[1] hija fis-sens li l-hajja matrimonjali qasira taghhom kienet karatterizzata bi glied kontinwu tort tal-konvenuta li kienet baqghet tippersisti li jmorru joqghodu l-Mellieha fejn kienu joqghodu l-genituri taghha. L-attur jghid li, anke matul l-gherusija, kien ikun hemm il-glied bejniethom, izda wara z-zwieg l-inkwiet fir-relazzjoni taghhom zdied drastikament. Hu jghid li l-konvenuta kienet tiggieled mieghu "fuq kollox"; kienet "dejjem tiggieled, kuljum nigi mix-xoghol niggieldu."; "ahna dejjem konna niggieldu, ahna qatt ma qbilna." Huwa jghid li "Chija persuna maghluqa hafna fiha nnifisha, hbieb ma' hadd hlief m' ommha u ma' missierha."

L-attur jemfasizza fix-xhieda tieghu li l-problema radikali fir-relazzjoni taghhom, u fiz-zwieg taghhom kienet li l-konvenuta dejjem riedet tmur tghix vicin ommha; izda minnkejja dan, hija xorta kienet accettat li jixtru appartament f' Birkirkara biex iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom. Huwa jghid li mill-bidunett hija "dejjem riedet tmur fejn ommha."

Jghid: "Jiena ma zzewwigtx maghha biex noqghod ma' ommha jew hdejn ommha. Jiena zzewwigt biex noqghod maghha…. Mhux nghidlek li it-tort taghha biss, it-tort tieghu u taghha, imma still qatt ma ghexna bhala familja." Huwa jammetti li kien johrog wahdu, ma' shabu Bville u li lill-konvenuta kien ihalliha wahedha, u li hi kienet tilmenta mieghu li kien idum tard bil-lejl.

L-att taz-zwieg dejjem kien isir bil-prekawzzjoni li l-konvenuta ma tinqabadx tqila. Fi kliem l-attur: "bil-contraceptives dejjem."

[1] Dep.21 *et seq.*

Illi minn naha taghha l-konvenuta[2], filwaqt li tikkonferma li l-konvivenza matrimonjali taghhom kienet karatterizzata minn glied kontinwu, u li huwa minnu li hi riedet li r-residenza matrimonjali tkun vicin id-dar tal-genituri taghha fil-Mellieha; tispjega li “ir-raguni kienet li jiena kont naf bil-quddiem li [l-attur] ser jkun hafna hin ix-xoghol tieghu, allura jiena xtaqt inkun aktar qrib tar-relatives tieghi biex ikolli l-ghajnuna taghhom.” Hija kienet accettat li fil-bidu taz-zwieg tmur toqghod Birkirkara, fejn joqghodu l-familjari ta’ l-attur, temporanejament bil-kondizzjoni li kif ihallsu l-loan ta’ l-appartament huma jitraslokaw ghal Mellieha. L-attur kien qallha li “it was only temporary”.

Hija tghid li l-attur ma kienx wera nteress la fil-preparattivi taz-zwieg, kif ukoll tad-dar, u tghid li kienet tiehu hsiebhom kollha hi.

Hija tilementa li mill-bidu taz-zwieg l-attur kien ihalliha hafna wahedha, kemm minhabba x-xoghol tieghu, kif ukoll peress li kien johrog mal-hbieb; u tghid li “kont vera nkun bid-dwejjaq dejjem wahdi.” Gieghli l-attur kien johrog tlett darbiet fil-gimgha. Tghid li: “Hafna drabi meta kien johrog [ma’ shabu] kien jigi hafna tard bil-lejl, xi 3.00 am jew l-4.00 am. Kien jigi b’ riha ta’ xorb qawwija, u hafna drabi anki fis-sakra..”; u meta kienet tilmenta mieghu, hu kien “jghidli jekk ser tibda tindahalli fuq il-hrug tieghi, jiena u int daqshekk.”

Il-konvenuta tghid li hi kienet izzewget bil-hsieb li tibni familja, ghalkemm kienu ftehmu li jhallu ftit taz-zmien sakemm tissoda l-posizzjoni finanzjarja taghhom. Sussegwentement, bis-skop li jkollha t-tfal, anke tenut kont ta’ l-eta’ taghha [27 sena] dak iz-zmien, hija kienet applikat biex tbiddel ix-xoghol taghha biex ikollha sieghat aktar flessibbli; izda eventwalment l-attur kien qallha li ma kienx ried tfal. Tghid li: “Fl-ahhar, meta qalli li ma jridx ikompli mizzewweg, qalli ‘ghax jiena ma rridx ir-responsabbilita’ ta’ tfal, irrid nghix il-hajja ta’ single, u ma tghogobnix il-hajja mizzewga’.”

---

[2] Dep.41 *et seq.*

Il-konvenuta tghid li darba minnhom meta hija waslet lura mix-xoghol hija sabitu d-dar u qallha "Jiena u inti daqshekk … iz-zwieg taghna spicca." u, ghalkemm il-konvenuta riedet li jmorru counselling sabiex tipprova ssalva z-zwieg, l-attur kien irrifjuta anke li jattendi maghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-konvenuta, aktar milli lill-attur; inoltre l-Qorti thoss li l-versjoni taghha hija aktar verosimili.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] fil-konfront ta' l-attur li, ghalkemm esternament ghaddha minn ceremonja taz-zwieg, internament huwa eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg, u cioe' il-konvivenza ma' martu diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Il-Qorti tosservat li x-xewqa tal-konvenuta li l-partijiet jistabilixxu r-residenza matrimonjali taghhom vicin id-dar tal-dar tal-endituri taghha hija lecita fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li f' dak iz-zmien l-attur kien qed jahdem sieghat twal u l-vicinanza lejn id-dar tal-endituri taghha kienet tfisser ghajnuna kbira u kontinwa ghall-konvenuta li minn naha taghha, minbarra x-xoghol regolari taghha, kien ikollha tlahhaq max-xoghol tad-dar kollu u eventwalment max-xoghol li l-ulied, partikolarment fl-ewwel snin, necessarjament jirrikjedu.

Izda jidher li l-attur kien insensittiv ghal dan, u mhux talli ma ssodisfax ix-xewqa tal-konvenuta, imma kien ihalliha waheda wkoll biex ikun jista' johrog ma' shabu u jdum barra. L-insensittivita' ta' l-attur fil-konfront ta' martu, u l-egoizmu kbir tieghu, timmanifesta ruhha wkoll mill-fatt li, ghalkemm l-attur kien jaf, kif qal hu stess, li martu hija persuna rizervata u hija migbuda hafna lejn il-genituri taghha, huwa njora dan kollu u xorta kien ihalliha wahedha ghal hinijiet twal;  u dan apparti mill-fatt li x-xoghol tad-dar kien jaqa' kollu fuq il-konvenuta.

Il-Qorti hija konvinta li kien dan is-sens ta' egoizmu akut da parti ta' l-attur, u n-nuqqas ta' affezzjoni da parti tieghu lejn il-konvenuta, allura martu, li wassal sabiex ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tiddigenera b' dan il-mod. Il-provi juru li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, l-attur kien eskluda l-obbligu tieghu li jghix ma' martu f' unjoni diretta lejn il-benessere reciproku; u dak li kellu f' mohhu hu kien biss il-benessere tieghu, u xejn aktar; u ma kienx jimportah mill-esigenzi ta' martu. Ic-cahda da parti ta'l-attur sabiex hu flimkien ma' martu jattendu ghall-counselling sabiex jipprovaw isalvaw iz-zwieg, tati konfort lil din il-konkluzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 imputabbli unikament lill-attur.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Gunju 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------